# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 11 ta' Jannar 2022**

## Talba numru 43/2020SFJ

**GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) HEKK KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIGURAT TAGĦHA JONATHAN GALEA KEMM BIL-POLZA KIF UKOLL BIL-LIĠI, U L-ISTESS JONATHAN GALEA (234788M)**

**VS.**

**FELIX CAMILLERI (823350M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Frar 2020 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew u talbu:

> "*1. Illi s-soċjetà attriċi kienet ħarġet polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBU905 di proprjetà tal-attur Jonathan Galea, hawn aktar 'l isfel imsejħa "il-vettura tal-atturi";*

*2. Illi nhar is-27 ta' Novembru 2018 seħħ inċident fi Triq A. Caligari, Żabbar, li bħala konsegwenza tiegħu l-vettura tal-atturi sofriet ħsarat waqt li kienet ipparkeġġjata fl-imsemmija triq u dan meta waqa' ħajt fuq il-vettura tal-atturi, liema ħajt huwa proprjetà tal-konvenut;*

*3. Illi b'hekk isegwi li l-inċident de quo seħħ unikament bħala riżultat ta' negliġenza, traskuraġni jew imperizja da parti tal-konvenut;*

*4. Illi għalhekk il-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' elfejn u mitejn u sitta u erbgħin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€2,246.22) inkwantu għas-somma ta' ħamsin Ewro (€50) excess payment li l-attur Jonathan Galea ħallas in konnessjoni ma' dan il-każ u inkwantu għas-somma ta' elfejn u mija u sitta u disgħin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€2,196.22) rappreżentanti d-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident li għalihom għamlet tajjeb is-soċjetà attriċi ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni relattiva.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 21 ta' Awwissu 2019 u bl-interessi legali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.*"

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fil-5 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha eċċepixxa:

"*Il-pretensjonijiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*"

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' ix-xhieda, sema' it-trattazzjonijiet relattivi u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-11 ta' Jannar 2022.

**Provi mressqa**

L-atturi ppreżentaw affidavit ta' Andrea Bondin, li huwa *claims adjustor* fi ħdan GasanMamo Insruance Limited. L-affidavit tiegħu kien jirrigwarda l-polza tal-assigurazzjoni relattiva u l-proċeduri adoperati mis-soċjetà wara li Jonathan Galea kien infurmahom bl-akkadut.

Xehdet Martina Marie Borg (*WPC*331), prodotta mill-atturi, li ppreżentat kopja tar-rapport irreġistrat fis-sistema tal-Korp tal-Pulizija relattivament għas-sinistru *de quo*.

Taħt ġurament, Jonathan Galea spjega li fis-27 ta' Novembru 2018, il-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FBU905 kienet ipparkjata fi Triq A. Caligari f'Ħaż-Żabbar (fejn jirrisjedi huwa

stess). Dakinhar, minħabba l-maltemp, waqa' ħajt fuq il-vettura tiegħu. Wara dan, huwa mar jirrapporta lill-Pulizija. Huwa spjega li l-vettura tiegħu kienet assigurata *full* u kkonferma li ħallas l-*excess* u li l-assigurazzjoni għamlet tajjeb għall-ħsarat sofferti minnu.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru 2020, l-atturi għalqu l-provi tagħhom. Il-konvenut iddikjara li ma kienx hemm kontestazzjoni rigward il-*quantum* u li ma kienx hemm bżonn jitressqu xhieda fir-rigward tad-dokumenti ppreżentati fl-atti.

Il-konvenut ippreżenta affidavit li fih qal hekk:

- Fis-27 ta' Novembru 2018, tard filgħaxija, ħabbtulu żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija. Huma nfurmawh li l-ħajt tal-għalqa waqa' u ġie fuq vettura. Il-konvenut libes u ħareġ iżda ma ra ebda vettura, għax skont il-Pulizija, il-vettura kienet laħqet tneħħiet. Il-Pulizija ma qalulux lil min kienet tappartjeni l-vettura.

- Fil-ġurnata ta' wara, il-konvenut sar jaf mingħand omm Jonathan Galea li kien l-istess Galea li għamel ir-rapport. Il-konvenut staqsa għaliex ma kinux infurmawh huma stess iżda baqa' mingħajr tweġiba. Il-konvenut mar l-Għassa ma' ħuh biex isir konfront. *WPC*331 tathom appuntament għall-Ħadd, 2 ta' Diċembru 2018 fis-2:30 ta' waranofsinhar għal spezzjoni tal-vettura, iżda Galea ma mar qatt. Ġew iffissati żewġ appuntamenti oħra minn *WPC*331 u minn *PS*1593 iżda dawn ma ġewx onorati minn Galea.

- Il-konvenut ilu ġar ta' omm Jonathan Galea aktar minn tletin sena u qatt ma kien hemm problemi. Għalhekk, il-konvenut raha stramba li Galea ma nfurmahx, li ma ġewx imsejħa l-Pulizija fil-ħin tal-inċident u li naqsu li jattendu l-Għassa nonostante tlett appuntamenti mogħtija.

- Il-konvenut raha stramba anki kif Galea wera biss ritratti tal-ħsarat lill-Pulizija u allega magħhom li ma setgħetx tinstaq.

- Il-konvenut qal li l-ħajt relattiv kellu għoli ta' seba' filati u ma kienx fi stat perikoluż. Qal ukoll li r-ritratt immarkat dokument AB14, ippreżentat mill-atturi, juri parti minn karozza u knaten fuq il-bankina. Dan jindika li l-ħajt la sfronda u lanqas żvara u li l-pedamenti tiegħu baqgħu f'posthom.

- Il-konvenut qal li meta bintu Mariella Magro marret tieħu xi ritratti tal-ħajt qabel saru t-tiswijiet, ma nnutat ebda ħġieġ mal-art.

- Qal ukoll li l-vettura ma kinitx identifikabbli u li dakinhar tal-inċident kien il-maltemp u għamlet tromba.

Il-konvenut ippreżenta rapport tal-Perit Hector Zammit (fol. 65 sa fol. 70), liema rapport essenzjalment jgħid li l-ħsarat fil-ħajt kienu stante "*abnormal strong wind forces*" u mhux riżultat ta' kostruzzjoni ħażina. Madankollu, Zammit qal li huwa spezzjona l-ħajt fl-24 ta' Novembru 2020, jiġifieri sentejn wara li seħħ l-inċident.

Xehed Jeffrey Custò, amministratur fl-Uffiċċju Meteoroloġiku, prodott mill-konvenut. Huwa xehed li fid-data inkiwstjoni ma kellhom ebda evidenza ta' tromba iżda r-riħ kien forza sitta u xi ħinijiet anki forza sebgħa. L-Uffiċċju ħareġ twissija rigward baħar qawwi bħal fi grigalata. F'xi ħinijiet kien hemm anki maltempati bir-ragħad, u dawk il-maltempati jżidu l-buffuri tar-riħ. Ix-xhud spjega li forza sitta għal forza sebgħa kien "*riħ qawwi għal qawwi ħafna*" u t-twissija tal-Uffiċċju rigward il-baħar kienet tindika qawwa ta' riefnu.

Xehed il-Perit Hector Zammit li kkonferma r-rapport tiegħu taħt ġurament. In kontro-eżami, huwa kkonferma li huwa spezzjona l-ħajt fis-sena 2020. Zammit qal ukoll li kienet ċirkostanza komuni li ċint jaqa' meta jkun hemm riħ minn forza sitta għal forza sebgħa. Mistoqsi għaliex, allura, ma waqgħux ċnut oħrajn fl-inħawi, Zammit wieġeb li kien jaf b'każijiet oħrajn fejn waqgħu ħitan minħabba r-riħ. Qal li kien ċert li l-ħajt waqa' minħabba r-riħ.

Ix-xhud Zammit ġie mistoqsi kif seta' jgħid li l-ħajt kien fi stat tajjeb meta hu spezzjonah sentejn wara l-inċident. Għal din id-domanda, Zammit wieġeb li fis-sena 2018 kienet biss parti mill-ħajt li waqgħet u li l-maġġor parti tal-ħajt kien għadu dak li kien fis-sena 2018. Qal li meta qabbel ir-ritratti, irriżultalu li l-ġebel kien fl-istess pożizzjoni fis-sena 2018 u fis-sena 2020.

Fix-xhieda tiegħu a fol. 104, Zammit spjega li l-ħajt kien "*sound*" u ma kellux forzi jeżerċitaw ruħhom fuqu. Il-ħajt kellu biss il-piż tiegħu nnifsu fuq il-blat. Ma kien hemm ebda materjal imiss miegħu li seta' jimbuttah. Ma kinitx kumbinazzjoni li l-ħajt waqa' meta għamlet maltempata bir-riħ. Qal ukoll li s-*shape* tal-*plot* kienet trijangolari u dak seta' għen ir-riħ jakkumula b'mod li jifforma tromba u b'hekk ikunu eżerċitati fuq il-ħajt forzi straordinarji.

Mistoqsi jekk allura l-ħajt setax inbena b'mod li ma jkunx affettwat minn dawk iċ-ċirkostanzi, Zammit qal li kollox seta' jinbena b'mod differenti.

Xehed Andrea Bondin in kontro-eżami. Hu spjega li l-*claim form* daħlet għand l-assiguraturi xi ġranet wara l-inċident u żied li l-vettura ma kinitx fi stat li tinstaq minħabba ħsarat estensivi fil-ġenb. Aktar tard fix-xhieda tiegħu huwa spjega li l-*claim* infetħet fit-28 ta' Novembru 2018.

Xehed Jonathan Galea in kontro-eżami. Huwa spjega li l-Pulizija marru fuq il-post tal-inċident madwar siegħa wara li hu ċemplilhom. Qal li kuntrarjament għal dak li jgħid ir-rapport tal-Pulizija, il-Pulizija raw il-vettura ddanneġġjata u raw il-ħajt imwaqqa'. Qal li mbagħad, il-Pulizija tawh permess li jneħħi l-vettura.

Xehed in eżami *PS*1593. Hu spjega li l-każ kien dwar ċint li waqa' fuq vettura f'ġurnata meta kien hemm ħafna maltemp. Is-Surġent spjega li l-Għassa għamlet tentattivi biex issir laqgħa bejn il-

partijiet fil-binja tal-Għassa stess iżda dawn it-tentattivi ma ħallewx frott. Huwa qal ukoll li meta mar fuq il-post dakinhar tal-inċident, ra żewġ vetturi li ġew iddanneġġjati u l-vetturi kienu għadhom ma tneħħewx minn fuq il-post.

In kontro-eżami, is-Surġent qal li l-konvenut aċċetta li jagħmel tajjeb għall-ħsarat fuq il-vettura l-oħra (li m'għandhiex x'taqsam ma' din il-kawża).

**Konsiderazzjonijiet**

*Si tratta* ta' ħtija akwiljana, huwa paċifiku li jeħtieġ li min iġarrab il-ħsara jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabilità tal-att jew tal-omissjoni kif ukoll li l-ħsarat imġarrba huma konsegwenza ta' dak l-att jew omissjoni (ara ***Giovanni Vella et vs. Michael Cilia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-23 ta' Ġunju 2004 u ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell [Superjuri] fis-sentenza ***Carmela Galea et vs. LIDL Malta Limited*** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021).

It-Tribunal huwa sodisfatt li fil-fatt ġiet imġarrba ħsara fuq il-vettura ta' Jonathan Galea u għalhekk jenħtieġ li jkun eżaminat jekk il-ħsara kinitx konsegwenzjali għal xi att jew omissjoni attribwibbli lil Felix Camilleri.

Huwa evidenti li għalkemm il-konvenut ressaq eċċezzjoni waħda ta' natura ġenerika, il-provi mressqin mill-konvenut jindikaw li fil-fatt, id-difiża prinċipali tiegħu hija dik tal-forza maġġuri. Dan jidher mir-rapport tal-Perit Zammit u mill-fatt li tressaq sabiex jixhed Jeffrey Custò mill-Uffiċċju Meteoroloġiku.

Dwar id-difiża tal-forza maġġuri, fil-kawża ***Vella vs. Cilia***, suċitata, intqal hekk:

"*...il-kaz fortuwitu huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Intqal ukoll illi biex ikun hemm il-kaz fortuwitu, mhux bizzejjed avveniment insolitu imma jehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja. Kif, ex abundantia, rilevat il-prova tal-fortuwitu jew tal-kawza estranea tinkombi fuq il-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonatrici. Sta ghalih li jipprova li l-kawza fortuwita serviet biex tinterrompi l-kollegament bejn il-kolpa addebitata u l-event dannuz. Tinsorgi ghalhekk fil-kaz prezenti d-domanda jekk dak li sehh kienx ir-rizultat ta' kawza fortuwita inevitabbli fis-sens li wiehed ma setax ikun mistenni li jiehu mizuri preventivi kontra dak li ma setax normalment jigi prevedut. Jispetta ovvjament lill-gudikant li jevalwa r-rizultanzi processwali.*"

Moqrija flimkien, ix-xhieda tal-Perit Zammit u ta' Jeffrey Custò jagħmluha ċara li fid-data inkwistjoni kien hemm riħ ta' bejn forza sitta u forza sebgħa u li s-*shape* trijangolari tal-*plot* kien tali fejn setgħu jinġemgħu forzi tar-riħ li joħolqu tromba u b'hekk, il-ħajt relattiv ikun rinfaċċjat b'forzi li ma jkunx jiflaħ għalihom. Huwa notevoli li din ix-xhieda ma ġietx kontradetta.

Ir-rapport tal-Perit Zammit, ikkonfermat taħt ġurament, jagħmilha ċara li l-parti mill-ħajt li waqgħet fid-data inkwistjoni kienet parti żgħira. Jidher, fil-fatt, li għalkemm Zammit eżamina l-ħajt sentejn wara, il-maġġor parti tal-ħajt kienet għadha bħalma kienet fis-sena 2018 u l-ħajt kien fundamentalment sod. Għalkemm Zammit qal (meta mistoqsi in kontro-eżami) li kull struttura dejjem tista' tinbena aħjar, huwa kkwalifika din l-asserzjoni meta qal li essenzjalment, il-ħajt kien mibni sewwa meta wieħed iqis l-iskop tiegħu – jiġifieri li jifred għalqa mit-triq u jifforma bordura.

It-Tribunal mhuwiex tal-fehma li l-konvenut seta' jieħu jew seta' jkun mistenni li jieħu miżuri preventivi kontra dan l-imprevist. Huwa ovvju li t-temp mhuwiex fl-isfera tal-kontroll tal-bniedem. Huwa wkoll ovvju li l-konvenut ma setax ikun mistenni li jkollu għarfien ta' kif seta' jkun hemm konverġenza tal-forzi tar-riħ tenut kont tal-*plot* trijangolari b'mod li r-riħ jissaħħaħ u jikseb qawwa li twaqqa' parti mill-ħajt.

*In breve,* it-Tribunal ma jikkondividix il-fehma tal-atturi meta fl-Avviż tat-Talba allegaw li l-akkadut kien riżultat tan-negliġenza, traskuraġni u/jew imperizja tal-konvenut, u għalhekk ser jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni jiċħad it-talbiet kollha tal-atturi u jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**